Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 6/22**
il-Lussemburgu, 18 ta' Jannar 2022

Stampa u Informazzjoni

Sentenza fil-Kawża C-261/20
Thelen Technopark Berlin

**Minkejja l-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà kkonstatat li l-leġiżlazzjoni Ġermaniża li tiffissa ammonti minimi ta' onorarji għas-servizzi tal-periti u tal-inġiniera (HOAI) tmur kontra d-Direttiva tas-"Servizzi", qorti nazzjonali, adita b'tilwima bejn individwi, ma hijiex obbligata, abbażi biss tad-dritt tal-Unjoni, li ma tapplikax din il-leġiżlazzjoni Ġermaniża**

*Dan huwa madankollu bla ħsara, minn naħa, għall-possibbiltà, għal din il-qorti, li twarrab din il-leġiżlazzjoni abbażi tad-dritt intern fil-kuntest ta' tali tilwima, u, min-naħa l-oħra, għall-possibbiltà, jekk ikun il-każ, għall-parti leża minħabba li din il-leġiżlazzjoni tmur kontra d-dritt tal-Unjoni li titlob kumpens mingħand l-Istat Ġermaniż*

Fl-2016, Thelen, kumpannija tal-proprjetà immobbli, u MN, inġinier, ikkonkludew kuntratt ta' studji li fil-kuntest tiegħu dan tal-aħħar intrabat li jipprovdi ċerti servizzi msemmija mill-Verordnung über die Honorare für Architekten- und Ingenieurleistungen (Honorarordnung für Architekten und Ingenieure (HOAI) (ir-Regolament Ġermaniż tal-10 ta' Lulju 2013 dwar l-onorarji għas-servizzi tal-arkitettura u tal-inġinerija), għall-ħlas ta' onorarji b'rata fissa li l-ammont tagħhom kien jammonta għal EUR 55 025.

Sena wara, MN xolja dan il-kuntratt u ffattura s-servizzi mwettqa f'fattura finali ta' onorarji. Billi bbaża ruħu fuq dispożizzjoni tal-HOAI [1] li tipprevedi li, għas-servizz li huwa pprovda, il-fornitur għandu dritt għal remunerazzjoni tal-inqas ugwali għall-ammont minimu ffissat mid-dritt nazzjonali, u billi ħa inkunsiderazzjoni l-ħlasijiet li diġà saru, MN ippreżenta azzjoni ġudizzjarja sabiex jitlob il-ħlas tas-somma li kienet għadha dovuta, li tammonta għal EUR 102 934.59, jiġifieri somma ogħla minn dik miftiehma mill-partijiet fil-kuntratt.

Peress li Thelen parzjalment tilfet fl-ewwel u fit-tieni istanza, hija ppreżentat appell għal reviżjoni quddiem il-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja), li hija l-qorti tar-rinviju f'din il-kawża. Fil-kuntest tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari tagħha, din il-qorti tfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà kkonstatat [2] l-inkompatibbiltà ta' din id-dispożizzjoni tal-HOAI mad-dispożizzjoni tad-Direttiva 2006/123 [3] li tipprojbixxi essenzjalment lill-Istati Membri milli jżommu rekwiżiti li jissuġġettaw l-eżerċizzju ta' attività għall-osservanza mill-fornitur ta' tariffi minimi u/jew massimi jekk dawn ir-rekwiżiti ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet kumulattivi ta' nondiskriminazzjoni, ta' neċessità u ta' proporzjonalità. L-imsemmija qorti għalhekk iddeċidiet li tagħmel domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-fondatezza tar-rikors ta' individwu ppreżentat kontra individwu ieħor, qorti nazzjonali għandhiex ma tapplikax id-dispożizzjoni nazzjonali li fuqha tkun ibbażata t-talba meta din id-dispożizzjoni tmur kontra direttiva, f'dan il-każ id-Direttiva tas-

[1] L-Artikolu 7 ta' dan ir-regolament jagħmel obbligatorji l-ammonti minimi ffissati fl-iskala prevista f'dan l-artikolu għas-servizzi tal-ippjanar u tas-sorveljanza tal-periti u tal-inġiniera, ħlief f'ċerti każijiet eċċezzjonali, u jirrendi null ftehim li jipprevedi onorarji inqas mill-ammonti minimi konklużi ma' periti jew ma' inġiniera.
[2] Sentenza tal-4 ta' Lulju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, C-377/17, u d-digriet tas-6 ta' Frar 2020, hapeg dresden, C-137/18.
[3] Dawn huma l-Artikolu 15(1), (2)(g) u (3) tad-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU 2006, L 376, p. 36, iktar 'il quddiem id-"Direttiva 'Servizzi'"). B'mod iktar partikolari, skont din id-dispożizzjoni, l-Istati Membri għandhom jeżaminaw jekk is-sistema legali tagħhom tipprevedix rekwiżiti li jissuġġettaw l-eżerċizzju ta' attività għall-osservanza mill-fornitur ta' tariffi minimi u/jew massimi u jiżguraw li dawn ir-rekwiżiti jkunu kompatibbli mal-kundizzjonijiet ta' nondiskriminazzjoni, ta' neċessità u ta' proporzjonalità.

“Servizzi”. F’dan ir-rigward, din il-qorti tirrileva li interpretazzjoni konformi tal-HOAI mad-Direttiva tas-“Servizzi” ma hijiex possibbli f’dan il-każ.

**Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja**

Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala kulleġġ ġudikanti, taqta’ u tiddeċiedi li **qorti nazzjonali, adita b’tilwima esklużivament bejn individwi, ma hijiex obbligata, abbażi biss tad-dritt tal-Unjoni, li ma tapplikax leġiżlazzjoni nazzjonali li tiffissa, bi ksur** tal-Artikolu 15(1), (2)(g) u (3) **tad-Direttiva tas-“Servizzi”, ammonti minimi ta’ onorarji għas-servizzi tal-periti u tal-inġiniera u li trendi nulli l-ftehimiet li jidderogaw minn din il-leġiżlazzjoni.**

Ċertament, il-prinċipju ta’ supremazija tad-dritt tal-Unjoni jimponi fuq l-istanzi kollha tal-Istati Membri li jagħtu effett sħiħ lid-diversi normi tal-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, fin-nuqqas ta’ interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali konformi mad-dritt tal-Unjoni, dan l-istess prinċipju jeżiġi li l-qorti nazzjonali inkarigata li tapplika, fil-kuntest tal-kompetenza tagħha, id-dispożizzjonijiet tal-imsemmi dritt tiżgura l-effett sħiħ tagħhom billi jekk ikun il-każ ma tapplikax, fuq awtorità tagħha stess, kull dispożizzjoni kuntrarja tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, anki jekk sussegwenti, mingħajr ma jkollha għalfejn titlob jew tistenna t-tneħħija minn qabel tagħha permezz ta’ leġiżlazzjoni jew permezz ta’ kwalunkwe proċedura kostituzzjonali oħra.

Madankollu, **qorti nazzjonali ma hijiex meħtieġa li, fuq il-bażi biss tad-dritt tal-Unjoni, ma tapplikax dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali tagħha li tmur kontra dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni fil-każ li din id-dispożizzjoni tal-aħħar ma jkollhiex effett dirett. Madankollu, dan huwa bla ħsara għall-possibbiltà, għal din il-qorti, kif ukoll għal kull awtorità amministrattiva nazzjonali kompetenti, li teskludi, abbażi tad-dritt intern, kull dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali li tmur kontra dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li ma jkollhiex tali effett.**

F’dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li, skont il-ġurisprudenza tagħha stess, l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva tas-“Servizzi” jista’ jipproduċi effett dirett meta din id-dispożizzjoni tkun suffiċjentement preċiża, ċara u inkundizzjonata. Madankollu, din id-dispożizzjoni hija invokata f’dan il-każ, bħala tali, f’tilwima bejn individwi, sabiex tiġi evitata leġiżlazzjoni nazzjonali li tmur kontriha. B’mod konkret, fil-kawża prinċipali, l-applikazzjoni tal-Artikolu 15(1) tad-Direttiva tas-“Servizzi” iċċaħħad lil MN mid-dritt tagħha li titlob ammont ta’ onorarji li jikkorrispondi għall-minimu previst mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni. Issa, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja teskludi li tali effett jista’ jiġi rrikonoxxut lil din id-dispożizzjoni, fil-kuntest ta’ tali tilwima bejn individwi.

Il-Qorti tal-Ġustizzja żżid li, skont l-Artikolu 260(1) TFUE, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu ta’ Stat Membru, dan l-Istat Membru huwa marbut li jieħu l-miżuri neċessarji għall-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, peress li l-qrati u l-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali kompetenti huma obbligati jadottaw il-miżuri kollha sabiex jiffaċilitaw it-twettiq tal-effett sħiħ tad-dritt tal-Unjoni, billi jekk ikun hemm bżonn ma japplikawx dispożizzjoni nazzjonali li tmur kontra d-dritt tal-Unjoni. Madankollu, **is-sentenzi li jikkonstataw tali nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu għandhom qabelxejn bħala għan li jiddefinixxu d-dmirijiet tal-Istati Membri fil-każ ta’ nuqqas ta’ twettiq tal-obbligi tagħhom u mhux li jagħtu drittijiet lill-individwi. Għalhekk, l-imsemmija qrati jew awtoritajiet ma humiex obbligati, abbażi biss ta’ tali sentenzi, li ma japplikawx, fil-kuntest ta’ kawża bejn individwi, leġiżlazzjoni nazzjonali li tmur kontra dispożizzjoni ta’ direttiva.**

Għall-kuntrarju, **il-parti leża min-nuqqas ta’ konformità tad-dritt nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni tista’ tinvoka l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tikseb, jekk ikun il-każ, kumpens għal dannu kkawżat mill-imsemmi nuqqas ta’ konformità.** Skont l-imsemmija ġurisprudenza, kull wieħed mill-Istati Membri għandu jiżgura li l-individwi jiksbu kumpens għad-dannu kkawżat min-nuqqas ta’ osservanza tad-dritt tal-Unjoni.

**F’dan ir-rigward il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li, peress li diġà kkonstatat li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma hijiex kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, u li ż-żamma tagħha tikkostitwixxi għalhekk nuqqas min-naħa tar-Repubblika Federali**

**tal-Ġermanja, dan il-ksur tad-dritt tal-Unjoni għandu jitqies li huwa manifestament serju fis-sens tal-ġurisprudenza tagħha dwar l-istabbiliment tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali ta' Stat Membru għal ksur tad-dritt tal-Unjoni.**

---

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*

*Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "Europe by Satellite" ☎ (+32) 2 2964106*